MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2012

Numru 1277/2011

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Portelli & Antoine Cilia)

vs

Andrew Bezzina

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 647582 (M), akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozijoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda u cioè talli:

1. gewwa l-Hamrun fil-lejl ta’ bejn is-16 u s-17 ta’ Novembru 2011, ikkommetta serq ta’ kwantita ta’ diesel minn zewg trukkijiet ta’ l-ghamla DAF XF li ghandhom in-numru tar-registrazzjoni FRD-999 u LCP- 467, liema serq huwa kkwalifkat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruq u bil-valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2,329.37 euro, u dan sar ghad-detriment ta’ Wayne Cassar u/jew persuni ohra;

2. fil-lejl ta’ bejn id-9 u l-10 ta’ Novembru 2011, minn gewwa l-bitha tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun li tinsab fi Triq id-Duka ta’ Edinburgh ikkommetta serq ta’ diesel minn gaffa ta’ l-ghamla Fermek liema serq huwa kkwalifkat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruq, u bil-valur li jeccedi 23.29 euro izda li ma jeccedix 232.94 euro, u dan sar ghad-detriment ta’ George Spiteri u/jew persuni ohra;

3. gewwa l-Msida f’xi zmien bejn is-7 u l-10 ta’ Novembru 2011, ikkommetta serq ta’ diesel minn van ta’ l-ghamla Isuzu bin-numru tar-registrazzjoni mhux maghruf, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi 23.29 euro izda li ma jeccedix 232.94 ghad-detriment ta’ persuna jew persuni mhux maghrufa;

4. filghodu kmieni ta’ nhar is-17 ta’ Novembru 2011 u fil-ghimat ta’ qabel f’diversi lokalitajiet f’Malta saq vettura ta’ l-ghamla Mazda 323 bin-numru ta’ registrazzjoni HAI-021 minghajr ma kienet licenzjata mill- Kummissarju tal-Pulizija jew mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Licenzji (licenzja mhux rinovata) u dana bi ksur ta’ Artikolu 15 (a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. fl-istess perjodu u cirkostanzi ghamel uzu mill-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b’polza tas-sigurta dwar ir-riskju tat-terzi persuni;

6. fl-istess perjodu u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura meta kellu l-licenzja tas-sewqan sospiza ghal perjodu ta’ sena b’sentenza moghtija lilu nhar it-28 ta’ April 2011 mill- Magistrat Dott. Saviour Demicoli;

7. fl-istess dati, hinijiet , lok u cirkostanzi wettaq diversi reati fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, Magistrat Dott. Saviour Demicoli LL.D datata 28 ta’ April 2011, liema sentenza hija defenittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux apposta:

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra;

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat issibu hati.

Tpoggih taht ordni ta’ probation ghal tlett snin mill-lum u tordnalu li jhallas l-ammont ta’ €663 lill- Wayne Cassar u €40 lill-George Spiteri zmien mhux oltre 6 xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------